MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 200/2006

Bank of Valletta p.l.c.
vs
Patrick Delia

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors tal-bank rikorrent li bih espona:

1. Illi, in forza ta' bejgh in Subasta numru 93/2001 mizmum taht l-Awtorita` ta' din il-Qorti nhar il-11 ta' Marzu 2003 kien gie liberat ghaf-favur tas-socjeta' rikorrenti l-fond bin-numru ergha u ghoxrin (24) fi Triq Pawlu Magri, Hal-Luqa, liberu u frank, bl-arja libera tieghu nkluza l-arja tal-garaxx adjacenti, liema garaxx kien proprjeta` ta' terzi, in parti sottopost ghal beni ta' terzi, igawdi s-servitu biex tinfetah it-tieqa li tinsab fil-kamra tal-banju u taghti ghal gnien proprjeta` ta' terzi, liema tieqa kellha il-kejl ta' sitta u tletin centimetru (36cm) b'disgha u hamsin centimetru (59cm) u soggett ghas-servitujiet ezistenti u pertinenzi

kollha tieghu, kif ahjar kien jidher mill-kopja tal-liberazzjoni annessa mar-rikors u mmarkata Dok "A".

2. Illi, ghalhekk l-intimat kien qed jokkupa dan il-fond minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

3. Illi, r-rikorrent kien jaf personalment illi kienet saret il-liberazzjoni favur tieghu tal-fond indikat fid-dokument "A" anness mar-rikors.

4. Illi, l-intimat kien gie interpellat sabiex jizgombra mill-imsemmi fond u dan permezz ta' Ittra Ufficjali datata 7 ta' Novembru 2005 li kopja taghha giet ezebita mar-rikors u mmarkata Dok. "B", izda dan kien baqa' inadempjenti

Il-bank rikorrent talab lill-Qorti:

1) Tiddikjara li l-intimat qed jokkupa l-fond bin-numru erbgha u ghoxrin (24) fi Triq Pawlu Magri, Hal-Luqa, liberu u frank, bl-arja libera tieghu nkluza l-arja tal-garaxx adjacenti, liema garaxx kien proprjeta` ta' terzi, in parti sottopost ghal beni ta' terzi, igawdi s-servitu` biex tinfetah it-tieqa li tinsab fil-kamra tal-banju u taghti ghal gnien proprjeta` ta' terzi, liema tieqa kellha l-kejl ta' sitta u tletin centimetru (36cm) b'disgha u hamsin centimetru (59cm) u soggett ghas-servitujiet ezistenti u pertinenzi kollha tieghu, minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

2) Tordna li, in konsegwenza l-istess intimat fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss, jizgombra mill-fond bin-numru erbgha u ghoxrin (24) fi Triq Pawlu Magri, Hal-Luqa, liberu u frank, bl-arja libera tieghu nkluza l-arja tal-garaxx adjacenti, liema garaxx kien proprjeta` ta' terzi, in parti sottopost ghal beni ta' terzi, igawdi s-servitu biex tinfetah it-tieqa li tinsab fil-kamra tal-banju u taghti ghal gnien proprjeta` ta' terzi, liema tieqa kellha il-kejl ta' sitta u tletin centimetru (36cm) b'disgha u hamsin centimetru (59cm) u soggett ghas-servitujiet ezistenti u pertinenzi kollha tieghu, u jhalli l-istess immobbli liberu u battal favur is-socjeta` rikorrenti.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' ittra ufficjali datata 7 ta' Novembru 2005 u bir-rizerva ghall-kwalsiasi azzjoni ulterjuri spettanti lis-socjeta` rikorrenti kontra l-intimat li gie ingunt in subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensur tal-bank rikorrent.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Xehed il-P.L. Joseph Zammit li jirrapprezenta lill-bank f'affarijiet legali u qal li l-intimat fl-ebda mument ma ghadda c-cwievet lis-socjeta` rikorrenti. Zied jghid li ma saru ebda zviluppi minn meta gie prezentat ir-rikors guramentat sa llum.

Rat li l-intimat debitament notifikat skond il-ligi baqa' kontumaci u anqas deher ghas-seduta tal-lum.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk it-talbiet tal-bank rikorrent jidhru gustifikati u l-Qorti filwaqt li tilqaghhom tiddikjara li l-intimat qed jokkupa l-fond bin-numru erbgha u ghoxrin (24) fi Triq Pawlu Magri, Hal-Luqa, liberu u frank, bl-arja libera tieghu nkluza l-arja tal-garaxx adjacenti, liema garaxx kien proprjeta` ta' terzi, in parti sottopost ghal beni ta' terzi, igawdi s-servitu` biex tinfetah it-tieqa li tinsab fil-kamra tal-banju u taghti ghal gnien proprjeta` ta' terzi, liema tieqa kellha l-kejl ta' sitta u tletin centimetru (36cm) b'disgha u hamsin centimetru (59cm) u soggett ghas-servitujiet ezistenti u pertinenzi kollha tieghu, minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Tordna lill-intimat biex fi zmien xaharejn jizgombra mill-fond bin-numru erbgha u ghoxrin (24) fi Triq Pawlu Magri, Hal-Luqa, liberu u frank, bl-arja libera tieghu inkluza l-arja tal-garaxx adjacenti, liema garaxx kien proprjeta` ta' terzi, in parti sottopost ghal beni ta' terzi, igawdi s-servitu biex tinfetah it-tieqa li tinsab fil-kamra tal-banju u taghti ghal

gnien proprjeta` ta’ terzi, liema tieqa kellha l-kejl ta’ sitta u tletin centimetru (36cm) b’disgha u hamsin centimetru (59cm) u soggett ghas-servitujiet ezistenti u pertinenzi kollha tieghu, u jhalli l-istess immobbli liberu u battal favur is-socjeta` rikorrenti.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ ittra ufficjali datata 7 ta’ Novembru 2005 kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------